# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Charlotte Curmi)**

**Vs**

**Lewis Xiberras**

**Illum: 6 ta` Mejju, 2024.**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Lewis Xiberras(I.D. 804656(M) bin John u Victoria nee' Gauci imwieled fil-25.11.1965 u joqghod 42, The Village Court, Fl 4, Triq Dun Frangisk Sciberras, Mellieha akkuzat talli fl-14 ta' Marzu, 2023 ghall-habta ta' bejn 9:40hrs u 9:45Hrs hrs fil-parkegg tal-Outpatients Mater Dei soqt vettura b' numru ta' registrazzjoni XLA 579.

1. U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku hbatt ma' vettura nru ELY 158 w involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta' Ecabs Company Ltd.

2. Insolentajt jew heddidt lil Emanuel Pulis jew jekk kont provokat ingurjajt b'mod li hrigt mill-limitu tal-provokazzjoni.
3. U aktar talli ghidt kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku.
4. U meta kont involute f'incident tat-traffiku nqast li tieqaf u taghti l-isem u l-indirizz tieghek u /jew informazzjoni tas-sid tal-vettura d-dettalji tal-assiguratur kif ukoll il-marka ta' registrazzjoni tal-vettura lill ufficjal tal-Pulizija, Gwardjan Lokali jew lil  persuna li jkollha ragun bizzejjed li jsir hekk.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena skond il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda.

Semghet ix-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-Kap. 9 art 328(d),328 (bb) 329(1)(e) LS 65.11 MVR MVR 67 (1) (5)L.S. 65.18 Art 36B u L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda, id-dokumenti  u l-atti kollha tal-kaz.

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.,

**Emanuel Pulis,** xehed hekk

Qorti:

Xhud: Kont qieghed Mater Dei ipparkjat waqt li kont qed nahdem mal-kumpanija Ecabs.

Pros: Meta sinjur?

Xhud: Fil-gurnata meta ghamilt ir-rapport ma nafx bl-ezatt.

Pros: Tiftakar liema sena?

Xhud: Dis-sena 2023.

Qorti: Fejn kont?

Xhud: Kont Mater Dei ipparkjat innizel klijenta minn gol-karozza ghall-habta tad-9.00 u l-10.30 ta` filghodu.

Pros: In-number plate tiftakkru sinjur?

Xhud: Le ghax il-karozza kienet tkun mibdula tal-kumpanija.

Pros: Spjegalna daxejn x`gara?

Xhud: Kont niezel mil-karozza waqt li qed inizzel klijenta nghinha tohrog mil-karozza go Mater Dei

mhux fejn hemm il-Main Entrance fuq in-naha tar-right tal-isptar fl-Outpatients waqt li jiena umbaghad diehel fil-karozza nisma l-alarms tal-karozza kienet karozza moderna kienet karozza ta ghamla Toyota insejt il-mudell imma kienet moderna kollha sensors nisma is-sensors idoqqu inhoss milli inhoss li huwa jiena daqqa fil-genb tal-karozza u nara karozza tinqaleb jiena sa dak il-hin kont ghadni gdid fil-kumpanija ovvjament ma ridtx li nuri li qed naghmel deni ghal-ismi u li ma kontx qed inkun traskurat jiena mort wara l-vettura li hsibt li laqtitni u malli jiena mort u soqt warajh dan minflok waqaf waqt li qed inpaqpaqlu go nofs Mater Dei filghodu imballat bit-traffic dan ha wrong way go carpark biex jipprova jevitani u malli jiena umbaghad mort warajh qabad hareg mil-karozza u kien histerical hemm il-filmat ta dan kif irrejagixxa meta jiena mort warajh.

Qorti: Qed tarfu hawnekk?

Xhud: Nahseb ta minix cert forsi dak is-sinjur t`hemmekk.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputat.

Xhud: Taf x`inhija ghax jien ma niftakkrux li kien qieghed bil-… jien li niftakar jidghi go wicci kien qiegehd fil-karozza u jisfidani ghal-glied ghalekk qed nghid forsi.

Pros: Ghidilna id-diskors li qallek?

Xhud: Id-diskors li qalli kien qed ibaxxini kien qed jintimidani, dan beda joffendini beda jghidli Liba beda jghidli u jnizzel l-Allat kollha li jaf u kien hemm zewg tfajliet hdejh zewg nisa u mnalla kienu huma ghax li kieku dan kien ha jigi fil-karozza u kien ha jqaccatli wicci dik kienet il-haga u jiena minflok inzilt minn gol-karozza hrigt il-mobile u ghedtlu jekk mhux ha tieqaf ha nigbed dal-video minflok ninzel mil-karozza u nhassru jien u dik kienet is-sitwazzjoni u gbidt il-filmat go wiccu waqt li dan qed jobzoq go wicci fil-Covid u jien qieghed xoghol dik hija l-haga.

Qorti: Il-filmat DOK EP.

Pros: Inti hadt xi filmat sinjur?

Xhud: Iva, hawnekk qieghed page 10 out 11 qed nara l-hsarat talk-karozza.

Qorti: X`karozza hi din?

Xhud: Hija karozza ta` ghamla Toyota number plate ELY 158 li kont qed insuq dak in-nhar, issa jien li qed nara huwa il-karozza fejn hemm il-hsarat fejn jiena gejt milqut mis-sinjur.

Pros: Il-hsarat mal-liema naha kienu sinjur?

Xhud: Man-naha tar-right tal-karozza il-bieba ta` wara sal-bieba ta` quddiem.

Pros: M`ghandix iktar mistoqsijiet.

Avu: Kontro Ezami, u rrid nara naqra ir-ritratti mela sinjur ara naqblux li is-sur Sciberras qallek li ma kien l-ebda incident?

Xhud: Li insinwa li ma kienx hemm.

Avu: Ara naqblux li fil-karozza tieghu ma kellu l-ebda barxa?

Xhud: Le ma naqblux fuqha dik kellu hsarat fil-kantuniera tal-passiggier tieghu fuq il-bumper ta` quddiem.

Avu: Ara naqblux li jekk kellux xi hsarat kien minn incident precedenti?

Xhud: Ma niftakarx le.

Avu; Mela ara naqblux li ma kellu l-ebda zebgha mil-karozza tieghek?

Xhud: Kellu zebgha bajda fuq il-bumper ta` quddiem.

Avu: Pero ara naqblux li l-karozza tieghek ma kienetx bajda?

Xhud: Iva imma l-isticker fejn laqat huwa abjad.

Avu; Pero mir-ritratti li jidhru sinjur jidher li inti minn x`imkien kellek daqqa iktar l-isfel il-isticker kif tispjega iz-zebgha tas-sinjur kienet bajda? X`kulur kienet il-vettura li kont qed issuq?

Xhud: Fejn laqat kien fuq l-isticker fejn kien blue u taht ikun abjad.

Avu: Sinjur mir-ritratti jidher?

Xhud: Dak huwa sticker blet al-Ecabs li jkollhom fuq kull karozza.

Avu: Tista tindika fuq id-dokument fejn hi d-daqqa?

Xhud: Id-daqqa issa fejn qed tghid int qeghda fuq il-bieba tieghi.

Avu: Page 6 of 11 mela ara naqblux li l-isticker hija tahta?

Xhud: L-isticker qeghda fuq il-bieba ta`qabilha mhux tahta dak li qed,

Qorti: Qed tghidlek li m`ghandiex daqqa l-isticker.

Avu: Orajt tista ttini l-karti jekk jogghbok,

Xhud: Sorry jekk qed tghid hekk id-daqqa hija bajda le? Id-daqqa fejn hemm fuq il-bieba sewda hija bajda pagna 6 out 11 immarkata hawn.

Qorti: Mela stante li ix-xhud wera disprezz lejn il-Qorti bil-komportament tieghu il-Qorti tirrifjuta tibqa tisimghu barra sinjur. Il-Qorti tordna li x-xhud johrog barra.

**Robert Gauci Mestre,** xehed hekk

Xhud: Iva nahlef, jiena rapprezentant ta Ecabs Company ltd gejn mitlubin naghtu informazzjoni fuq hsara li saret fuq vettura taghna f`incident 14th March 2023 u ser nezebixxi claim vettura numru ELY 158 nikkonferma li hija propjeta tal-kumpanija li ser nezebixxi claim reports statement u ricevuta li huma relattivi li jindikaw il-hsarat u d-danni.

**Robert Mercieca** xehed hekk

Xhud: Iva nahlef,

Pros: Gejt mitlub tixhed fuq vettura inkwistjoni?

Xhud: ELY 158.

Pros: X`tghidilna sinjur fuqha?

Xhud: Jien inkun ircevejt ir-ritratti fuqha niccekkja fejn hemm il-hsarat.

Qorti: Int min int?

Xhud: Jiena surveyor.

Qorti: Privat jew tahdem ma xi hadd?

Xhud: Ma Mapfre nircievi ritratti niccekkja li huma kompatibbli mad-daqqa u noholqu rapport.

Qorti: U x`taghmlu bir-rapport?

Xhud: Nipprezentawh naghdduh il-Head office.

Qorti: Biex isiru ix-xoghlijiet igifieri umbaghad isiru certu hlas?

Xhud: Ijja.

Pros: Ok id-damages fejn kienu sinjur?

Xhud: In-naha ta wara in-naha tar-right.

Qorti: U x`kienet il-vettura li qed nitkellmu fuqha?

Xhud: Toyota CHR ELY 158.

Qorti: Ha tezebixxi xi document?

Xhud: Ijja.

Qorti: DOK RM.

Pros: Min jaghmel uzu minnha l-vettura?

Omissis

Xhud: Le ma nkunx rajtha.

Avu: Igifieri l-incident ma tafx meta gara?

Xhud: Le ma nkunx naf.

Avu: U meta rajthom r-ritratti?

Qorti: IS-Survey ghamiltu l-karozza mela rajtha?

Xhud: Jien nircievi ir-ritratti mil-Ecabs jiehdu ir-ritratti,

Qorti: Physical survey ma taghmilx igifieri?

Xhud: Physical survey fuq dit-tip ta karozza le ma naghmilx.

Qorti: Dit-tip x`igifieri?

Xhud: Fuq l-Ecabs nircievi ir-ritratti,

Xhud: Jiena niccekkja il-Warden jew police report x`ikunu itteccjaw mar-ritratti u nimxi skond li jkun hemm skond l-accident nimxi.

Avu: Ghandek kopja ta dan il-police report?

Xhud: Le m`ghandix fuqi.

Avu: U f`dal-kaz kif imxejt?

Xhud: L-istess kif qed nghidlek.

Qorti: Imma r=report mhux atteccjat hemmekk?

Xhud: Il-police report u l-accident report le mhux atteccjat m`hawnekk ma jkun atteccjat maghhom.

Avu: Ha nissospendi ghall kull buon fini.

**Ps 228 G Farrugia** xehed permezz ta’ affidavit

**Ikkunsidrat**

Illi hemm kunflitt ta’ provi u senjatament Emanuel Pulis ma kienx f’posizzjoni jaghraf l-imputat u ma hemmx il-livell ta’ provi rikjest fil-kamp Kriminali.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi ma issibx lil Lewis Xiberras hatja tal-imputazzjonijiet fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**